# Mons. F. S. CARUANA Isqof ta' Malta (1759-1847).

*Ta'* Rob. Mifsud Bonnici

XI AWTURI jfaħħruh u jpinġuh bħala patrijott, difensur ta' art twelidu, filantropu igħin il-foqra, industrjalist: waqqaf l-industrja ta' l-insiġ f'Ħaż-Żebbuġ fejn twieled, trabba u għex; intrapprenditur qalbieni: fetaħ Istituti tal-Karità; Ġeneral ta' l-Armata Maltija fir-rewixta tal-Maltin kontra l-ħakma Franċiża, liberatur ta' Malta mill-jasar tal-Franċiżi fl-1798-1800 u bħala Isqof ta' Malta mexxa d-Dijoċesi bl-għaqal u l-qies ta' Aristide. Xi wħud iżda jżommuh b'egojist, supperv, ambizzjuż, opportunist, traditur!

Fco. Saverio Caruana studja fis-Seminarju taħt il-għaref professur Dun Mikiel Xerri, sar saċerdot u laħaq professur tat-teoloġija, tal-latin, tat-taljan, tal-matematika u tal-filosofija. Papa Ljun VII, il-Priġunier ta' Napuljun, ħatru Arċidjakonu tal-Kattidral. Napuljun Bonaparti ħataf Malta minn idejn l-Ordni Ġerosolmitan, u wara li seraq u faqqar Malta, in-nies ixxewxet, ražžnet, rebħet u bis-saħħa ta' Mons. Caruana nxeħtet f'dirgħajn l-Ingilterra. Naraw lil Mons. Caruana Rettur Manjifiku ta' l-Università, waqqaf il-kattedri tad-"Diritto Canonico" u ta' li "Storia Ecclesiastica"; President tal-Kumitat Sanitarju matul il-pesta ta' l-1813, President ta' l-Isptarijiet u tal-Karità, Protettur tax-Xjenzi u ta' l-Arti b'diploma tar-Re George IV, Vigarju Ġenerali ta' Mons. Isqof Mattei, maħtur Isqof ta' Malta minn Papa Girgor XVI. Miet fis-17 ta' Novembru, 1847 (L'Arte N. 43, Agosto, 1864).

Sir Temi Zammit igħarrafna li fir-Rewixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi, il-Kan. Caruana kien jagħmel minn Ħaż-Żebbuġ u mir-rħula ta' madwaru; Manwel Vitale kien jagħmel mill-Imdina, u Ċensu Braret minn Birkirkara...... Miet Labini, 1807, il-Gvern Ingliż irrikkmanda għal Isqof ta' Malta lill-Kan. Ca-

ruana, ir-Re Ferdinandu oppona u l-Papa ħatar Isqof lill-Mons. Mattei. Miet Mattei, 1831, b'talba tal-Gvern Ingliż, din id-darba ġie maħtur Isqof ta' Malta l-Mons. Caruana (Il-Gżejjer ta' Malta u Għawdex u l-Ġrajja Tagħhom, Empire Press, 1934).

Mons. Prof. Arturo Bonnici jgħarrafna li d-dewmien fil-ħatra ta' Mons. Caruana għall-veskovat kien minħabba polemika bejn ir-Re ta' Sqallija u r-Re ta' l-Ingilterra dwar il-jedd tal-għażla ta' Isqof ta' Malta. Wara sentejn ta' korrispondenzi, Papa Girgor XVI, bil-Bolla Appostolika tal-1 ta' Marzu, 1831, Mons. Caruana ġie maħtur Isqof ta' Malta. Minn dokumenti fl-Arkivju tal-Bibljoteka Rjali ta' Malta, mill-Public Record Office ta' l-Ingilterra u mill-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili jirriżulta: (1) li l-uniku kandidat għall-veskovat kien Mons. Caruana; (2) li ma nsabux dokumenti li jiskwalifikaw lil Mons. Caruana bħala persuna ndenja għal din il-kariga; (3) li fil-korrispondenza ta' bejn is-Santa Sede u l-Gvern Ingliż li damet miexja dwar sentejn hemm imsemmija biss il-ġlieda bejn iż-żewġ rejjiet (Sqallija u Ingilterra) għall-jedd tan-nomina għall-veskovat ta' Malta allura Kolonja Ingliża. Dan jipprova li d-dewmien kien ġej biss minn raġuni diplomatika. (Reasons for the delay in the appointment of Bishop F.S. Caruana, Empire Press).

Dr. Albert Laferla jgħarrafna li l-Kan. Caruana, wara li kien Membru fil-Kummissjoni tal-Gvern Franċiż sar Kmandant taż-Żebbuġin kontra l-Franċiżi f'Malta; kien Membru fil-Kummissjoni li marret għand l-Ammirall Nelson titolbu għajnuna!...... Captain Ball stqarr li *l-uniku inkwiet hi l-għira ta' bejn il-Mexxejja Maltin...... bi kmandant, il-Maltin għażlu lil Vitale u ż-Żebbuġin u s-Siġġiwin għażlu lill-Kan. Caruana...... dan kien l-aħjar raġel għal dik li hi qlubija, iżda tgħabba b'setgħa kbira żżejjed billi nqata' għal kollox mid-deputati l-oħra...... ta' sikwit jinqala' l-inkwiet imqanqal minn intrigi...... sabiex jinqata' l-inkwiet, il-Kummissjoni talbet lil Ball jieħu r-riedni tal-battaljuni f'idejh...... Twarrbet minn Malta l-Flotta Ingliża feġġet il-Flotta Franċiża, in-nies beżgħet u xlew lill-kapijiet (l-iktar lill-Kan. Caruana) bi tradituri* (Story of Man in Malta, pages 182, 185, 188, 190/2, 195).

Joseph Galea jgħarrafna li kittieba ta' żmien il-Kan. Caruana stqarrew li Caruana kien mbizzjuż bla xebgħan u ma kienx ta' min jafdah...... l-ambizzjoni wasslitu bex ibiddel l-opinjoni tiegħu kontra l-ħakma Franċiża billi l-Gvern Franċiż

ħa taħt il-kontroll tiegħu l-monopolju tal-qoton, u b'hekk, bħala produttur, kuntrattur u negozjant tal-qoton inqaras sewwa fil-laħam il-ħaj...... iddimetta minn Membru tal-Kummissjoni tal-Gvern Franċiż billi Napuljun baqa' ma ħatrux Isqof flok Mons. Labini, xiħ, marid u barrani...... fir-rewwixta tal-Maltin kontra l-Franċiżi ħatar lilu nnifsu bi Kmandant taż-Żebbuġin flok ingħaqad mal-Kumitat Ġenerali ta' l-Assemblea sa hawn wasslitu l-ġibda qawwija biex jidher hu biss...... (Il-Ħakma Franċiża f'Malta, Tip. Giov. Muscat 1948 paġ. 85......).

Mario Agius għalaq in-nisġa tiegħu ta' tifħir lill-Mons. Isqof F. S. Caruana b'dawn il-kelmiet: *Għandna nifhmu wkoll illi Mons. Caruana kellu bħal kull bniedem ieħor in-nuqqasijiet u aktarx l-ambizzjonijiet ukoll li jekk m'humiex ta' siwi storiku jixraq li jibqgħu midfunin miegħu......* (Il-Mons. F. S. Caruana Patrijott u Isqof ta' Malta. Standard Press 1947, paġ. 15).

Aħna wkoll ta' din il-fehma.